TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 01/06

* L-ewwel laqgħa tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar L-Erbgħa 1 ta' Lulju 2009 fil-5.00pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. — Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur P. Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sur F. Agius | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Dr. O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa bħala l-persuna l-iktar anzjana fost il-membri eletti.

## 1.0 Merħba u Ntroduzzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**1.1** Is-Segretarju ta merħba lill-Kunsillieri kollha u ferħilhom li ġew eletti għal din il-leġislatura ta' dan il-Kunsill Lokali.

**1.2** Kompla jgħid li jifraħ b'mod partikulari lis-Sur Ismael Dalli bħala Kunsillier ġdid filwaqt li jawgura li dan il-Kunsill jaħdem bil-għaqal bħalma dejjem għamel għal ġid ta' Ħal Tarxien.

**1.3** Is-Segr. Eżekuttiv wara għadda biex elenka Art. 25 ta' l-Atti dwar il-Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku (App. 1.)

## 2.0 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku

**2.1** Is-Sur P. Farrugia qara u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku (App. 2.).

**2.2** Is-Segr. Eżekuttiv libbes il-*lapel badge* lis-Sindku Pawlu Farrugia bħala simbolu tal-kariga tiegħu.

**2.3** Il-membri kollha flimkien mas-Segr. Eżekuttiv ferħulu u awgurawlu.

## 3.0 Aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku

**3.1** Is-Sur F. Agius qara u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku (App. 3.).

**3.2** Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri u s-Segr. Eżekuttiv ferħulu u awgurawlu.

D'dan il-waqt is-Sindku għamel diskors qasir dwar il-ħidma futura tal-Kunsill Lokali u awgura li bħal dejjem dan il-Kunsill jaħdem bħala tim mingħajr partiġjaniżmu imma għall-ġid uniku tal-komunita' Tarxiniża. *Diskors mis-Sindku*

Indirizza wkoll dan id-diskors lill-Kunsillier ġdid is-Sur Ismael Dalli u ħeġġu biex jaħdem f'dan il-Kunsill b'dan il-għan.

Is-Sindku kompla jgħid li il-Laqgħat tal-Kunsill isiru kull l-aħħar Erbgħa ta' kull xahar fil-5.30pm. Qal ukoll li jistgħu jsiru Laqgħat Straordinarji fi ġranet oħra skond il-bżonn. Infatti nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju ser issir Laqgħa Straordinarja fejn l-Awdituri ser jagħtu spjegazzjoni dwar ir-Rapport Finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2009. *Laqgħat tal-Kunsill*

## 4.0 Affarijiet Finanzjarji

**4.1** Is-Sindku qal li bħala UIF (Urban Improvement Fund) il-Kunsill ser jibbenifika mingħand il-MEPA il-bilanċ ta' €15,919.42. *UIF*

**4.2** Il-Kunsill approva unanimameent li ssir addizzjoni tal-assikurazzjoni ma' dik eżistenti dwar *Public Liability* fuq ix-xelter li jinsab fi Sqaq Brittaniku (u dan skond il-kuntratt iffirmat), taċ-Ċentru Komunitarju, tad-Dar tal-Kejka u tal-Berġa, għall-valur ta €673.50 (*288 days*) mal-Melita Unipol. Minbarra tax-xelter, l-assikurazzjoni tkopri wkoll il-bini, l-apparat, għamara u bibien. Insurance

**4.3** Il-Kunsill approva unanimament li jsir il-ħlas dovut ta' pagamenti għall-materjal u servizzi matul ix-xahar ta' Mejju li jammontaw għall-€57,031.57 (App. 4), kif ukoll għax-xahar ta' Ġunju li jammontaw għall-€14885.23 (App. 5). Pagamenti

4.3.1 Il-Kunsill approva ukoll li jsir il-ħlas dovut lil *Sound Generation* li jammonta għal €890 bħala servizz għal Jum Ħal Tarxien 2009. JHT

**4.4** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' spejjeż minħabba l-użu tal-vettura tagħhom fuq xogħol tal-Kunsill lis- Rifużjoni

| | |
|---|---|
| Sindku | € 189.70 |
| Segr. Eżek. | € 99.20 |

## 5.0 Għeluq tal-Laqgħa

**5.1** Il-laqgħa ntemmet fil-5.30pm.

**5.2** Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm.

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
29/07/09

**P. Farrugia**
**Sindku**